MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 665/2006

Audrey **MURPHY** ġja Audrey Delia Murphy

vs

Mark Anthony **DELIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-19 ta' Lulju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din l-Qorti (i) issib li l-imħarrek għandu jroddilha lura l-flejjes li hija kienet ħarġet għax-xiri fuq ismu tal-fond numru dsatax (19), Triq il-Kbira, Naxxar, li kellu jservi bħala d-dar taż-żwieġ tagħhom, liema kontribuzzjoni l-istess imħarrek kien ammetta li hija kienet għamlet, għalkemm f'ammont iżgħar minn dak li

attwalment kienet tat; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, l-ammonti li hija kienet tabilħaqq ħarġet biex inxtara l-imsemmi post; u (iii) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma hekk likwidata flimkien mal-imgħaxijiet kollha sad-data tal-ħlas effettiv. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2006[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrek u tat direttivi lill-attriċi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek fil-21 ta' Awwissu, 2006, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni mibdija mill-attriċi ma tistax trieġi għaliex ladarba r-relazzjonijiet patrimonjali ta' bejniethom kienu regolati bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti, ma tistax tintalab il-likwidazzjoni ta' biċċa biss minn dak il-ġid tal-komunjoni, bħalma l-azzjoni attriċi tippretendi li għandu jsir. Fil-mertu, laqa' billi qal li kull kreditu li jista' jkun hemm bejn il-miżżewġin jista' jkun likwidat biss meta l-ġid kollu tal-komunjoni tal-akkwisti jkun likwidat, wara li jittieħed b'qies ukoll xi dejn reċiproku li jista' jkun hemm bejniethom u wkoll xi ċirkostanza li minħabba fiha xi waħda mill-partijiet miżżewġin tista' titlef il-jedd b'dekadenza. Huwa jixli lil martu l-attriċi b'raġunijiet ta' adulterju fil-konfront tiegħu li, minħabba fiha, jgħid li tilfet kull jedd li tieħu kull jedd għan-nofs tal-akkwisti li setgħu saru l-aktar bil-ħidma tiegħu skond l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Lulju, 2006[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talba magħmula mill-kumpannija mħarrka fit-8 ta' Ġunju, 2006, biex jissejħu fil-kawża Toncam Properties Limited u Anthony Camilleri;

Rat il-provi dokumentali u x-xhieda mressqa mill-attur bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Diċembru, 2006[3], fil-Proċedura ta' Qabel is-Smigħ tal-Proċess ("*pre-trial*") li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi biex tisma' x-xhieda tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mismugħa mill-Assistant Ġudizzjarju;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2007[4], li biha l-avukati tal-partijiet qablu li ma

---

[1] Paġġ. 4 – 5 tal-proċess
[2] Paġġ. 62 – 3 tal-proċess
[3] Paġ. 84 tal-proċess
[4] Paġ. 234 tal-proċess

kellhomx provi oħrajn x'iressqu u ftiehmu żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2007[5], li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ wara li ngħalaq l-istadju tal-Proċedura Qabel is-Smigħ;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attriċi fil-25 ta' Settembru, 2007[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-6 ta' Novembru, 2007[7], bi tweġiba għal dik tal-attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas lura ta' flus maħruġa biex inkiseb post f'isem waħda mill-partijiet u li kellu jservi bħala d-dar taż-żwieġ tagħhom. L-attriċi trid li, ladarba ż-żwieġ inħall u d-dar inbiegħet, l-imħarrek iroddilha l-flejjes li hija tgħid li kienet ħarġet għax-xiri tal-imsemmija dar, liema nfieq hija tgħid li l-imħarrek kien għaraf li sar minnha u għal dak il-għan;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek laqa' għal din l-azzjoni billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni mibdija mill-attriċi ma tistax trieġi għaliex ladarba r-relazzjonijiet patrimonjali ta' bejniethom kienu regolati bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti, ma tistax tintalab il-likwidazzjoni ta' biċċa biss minn dak il-ġid tal-komunjoni, bħalma l-azzjoni attriċi tippretendi li għandu jsir. Fil-mertu, laqa' billi qal li kull kreditu li jista' jkun hemm bejn il-miżżewġin jista' jkun likwidat biss meta l-ġid kollu tal-komunjoni tal-akkwisti jkun likwidat, wara li jittieħed b'qies ukoll xi dejn reċiproku li jista' jkun hemm bejniethom u wkoll xi ċirkostanza li minħabba fiha xi waħda mill-partijiet miżżewġin tista' titlef il-jedd b'dekadenza. Huwa jixli lil martu l-attriċi b'adulterju fil-konfront tiegħu li,

[5] Paġ. 242 – 3 tal-proċess
[6] Paġġ. 237 sa 241 tal-proċess
[7] Paġġ. 247 sa 251 tal-proċess

minħabba fih, jgħid li tilfet kull jedd li tieħu sehemha min-nofs tal-akkwisti li setgħu saru l-aktar bil-ħidma tiegħu skond l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi mill-fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża joħroġ li l-attriċi iżżewġet lill-imħarrek fit-8 ta'Ottubru tal-1999, wara żmien ta' għerusija li bdiet f'xi żmien matul l-1995. L-attriċi hija Irlandiża. Meta l-attriċi niżlet f'Malta, marret toqgħod mal-imħarrek fid-dar mal-ġenituri tiegħu. Fl-1996 huma bdew ifittxu post biex ikun id-dar taż-żwieġ tagħhom u seħħilhom isibu wieħed li għoġobhom u talbu lil bank kummerċjali biex jagħtihom self ħalli jkunu jistgħu jixtruh;

Illi minħabba li l-attriċi kienet barranija, ħareġ li l-boll fuq ix-xiri tal-post kien se' jkun ogħla milli kieku hija kienet Maltija. Għalkemm kontra qalbha, l-attriċi tgħid[8] li, minħabba f'hekk, qablet li l-post jinxtara fuq isem l-imħarrek waħdu, biex b'dak li jiffrankaw mill-ħlas tal-boll ikun jista' jintuża aħjar għall-armar tad-dar. Min-naħa tiegħu[9], l-imħarrek jgħid li d-deċiżjoni dwar ix-xiri ta' dar kienet tiegħu waħdu għaliex ma riedx jibqa' joqgħod mal-ġenituri tiegħu taħt saqaf wieħed. Jgħid li l-post fittxu hu u sabu hu u qatagħha li jixtrih minkejja li l-attriċi ma għoġobhiex. Huwa jisħaq li t-talba għas-self minn bank ressaqha waħdu u li bejnu u l-attriċi ma kien hemm qatt xi sura ta' ftehim li l-prezz tax-xiri u l-ħlas tas-self jerfgħuh hu u l-attriċi, iżda kellu jsir kollox minnu waħdu[10];

Illi l-imħarrek (li għalih fuq l-att deher missieru) xtara d-dar mingħand waħda Mary Attard bis-saħħa ta' kuntratt tat-18 ta' Settembru, 1996[11], għall-prezz ta' sitta u għoxrin elf u ħames mitt Lira Maltija (Lm 26,500)[12], li minnha s-somma ta' wieħed u għoxrin elf u mitejn Lira Maltija (Lm 21,200) kienu self li sar fuq l-istess att minn bank lokali, filwaqt li l-bilanċ jingħad li tħallas mix-xerrej fuq l-istess att;

Illi l-attriċi bdiet tħallas is-somma ta' mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltija (Lm 125)[13] kull xahar mill-kont bankarju tagħha u jidħol fil-kont bankarju tagħhom it-tnejn qabel ma jsir il-ħlas lill-bank li silef il-flus lill-imħarrek waħdu[14]. Hija tgħid li dan il-ħlas beda jsir sa minn Awwissu tal-1996 u ssokta sa Marzu tal-2002, meta l-partijiet infirdu. Minħabba li nqalgħu problemi fiż-żwieġ tagħhom, l-attriċi kienet ħalliet il-post tan-Naxxar għall-ħabta ta' Awwissu tal-2001;

[8] Affidavit tagħha Dok "AM6", f'paġġ. 78 – 9 tal-proċess
[9] Affidavit tiegħu 14.4.2007, f'paġ. 210 tal-proċess
[10] *Ibid.*
[11] Dok "LS", f'paġġ. 179 sa 184 tal-proċess
[12] Li jġibu €61,728.40 fi flus tal-lum
[13] Li jġibu € 291.17 fi flus tal-lum
[14] Xhieda tal-attriċi fil-kontro-eżami 12.3.2007, f'paġ. 188 tal-proċess

Illi ż-żwieġ tal-partijiet kien annullat fit-30 ta' Marzu, 2004[15] u l-imħarrek biegħ id-dar f'xi żmien matul dik l-istess sena;

Illi fid-19 ta' Lulju, 2006, l-attriċi fetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ, il-Qorti tqis li l-ewwel ħaġa li jeħtieġ li ssir hi li tara x'inhi n-natura tal-azzjoni mibdija mill-attriċi. Dan qiegħed jingħad għaliex minn dan wieħed ikun f'qagħda li jara kemm is-siwi tal-istess azzjoni u kif ukoll is-siwi tal-eċċezzjonijiet partikolari li tressqu;

Illi, fil-qofol tagħha, l-azzjoni attriċi trid li l-imħarrek iroddilha lura flus li hija tgħid li ħarġet biex għenitu jerfa' l-ħlas tad-dar li kienu marru jgħixu fiha matul iż-żwieġ (qasir) ta' bejniethom u liema dar inkisbet fuq ismu waħdu. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek ressaq l-eċċezzjonijiet li l-pretensjonijiet tal-attriċi kienu fin-natura ta' kreditu bejn miżżewġin u għalhekk ma setax jintalab jekk mhux fil-qafas ta' proċess ta' likwidazzjoni u qasma tal-komunjoni tal-akkwisti. Kien biss waqt it-trattazzjoni ulterjuri tal-aħħar li l-għaref difensur tal-attriċi ressaq l-argument li l-azzjoni attriċi kienet imsejsa fuq l-azzjoni tal-arrikkiment indebitu;

Illi biex azzjoni tissejjes fuq il-kawżali tal-arrikkiment mhux mistħoqq, jeħtieġ li jintwerew elementi partikolari li kemm id-duttirna u kif ukoll il-liġi jisħqu li għandu jkollha. L-*actio de in rem verso* illum il-ġurnata tinsab regolata espressament fil-liġi Maltija[16]. Hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni *ex contractu*[17] jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu[18]. Minħabba f'hekk, hija magħrufa li hija azzjoni sussidjarja u hemm dispożizzjoni speċifika tal-liġi li tgħid dan[19]. Għalhekk, din l-azzjoni ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[20] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[21]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[22];

---

[15] Rik. Nru. 740/02RCP
[16] Art. 1028A tal-Kap 16
[17] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[18] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd***
[19] Art. 1028B tal-Kap 16
[20] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[21] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)
[22] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[23]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li mhuwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[24]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[25]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[26], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[27];

Illi ingħad ukoll[28] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[29] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid[30]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[31];

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-azzjoni tal-attriċi hija tabilħaqq waħda *de in rem verso*, lanqas fis-sura tagħha ta' indebitu suġġettiv. Jekk fil-ħsieb tal-attriċi kien hemm dik il-fehma, l-azzjoni tagħha ma tirnexxix. Fl-ewwel lok, ma jistax jingħad li l-ħlasijiet li l-attriċi għamlet fil-kont bankarju komuni kienu tabilħaqq bla kawża ġusta, u wisq anqas li saru bi żball min-naħa tagħha jew b'qerq min-naħa tal-imħarrek[32]. Mill-provi mressqa ħareġ ċar li kien hemm raġuni speċifika għaliex kemm l-attriċi u kif ukoll l-imħarrek kienu jqiegħdu fondi fil-kont bankarju komuni u x'kienu jagħmlu b'dawk il-fondi. Fit-tieni lok, ma jidhirx li l-attriċi wettqet il-ħlasijiet fil-kont kontra r-rieda tagħha, ukoll jekk ma għamiltx dan b'mod spontanju. F'każ bħal dan, "*l'azione d'indebito arricchimento noe e' proponibile quando il trasferimento dell'utilita' economica trovi giustificazione in un tacito consenso della parte che assume di essere*

[23] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum"*
[24] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[25] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7[a] Ediz. 1978) par 2041, paġ. 2008
[26] Art. 1012 tal-Kap 16
[27] Art. 1019 tal-Kap 16
[28] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9[a] Edit., 1975) par 387, paġ. 634
[29] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[30] Amos & Walton's *Introduction to French Law* (3[rd] Edit.) , paġ. 197
[31] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)
[32] Alpa – Mariconda Codice Civile Commentato (Libro II) (2[a] Ediz., 2009), paġġ. 2764 u 2794 (f'dan il-każ għal tifsira rilevanti u ċara tal-kunċett ta' 'kawża ġusta')

*danneggiata*"[33]. Fit-tielet lok, ma hemm l-ebda indebitu fejn ikun hemm ħlas imnissel minn obbligazzjoni naturali. Lil hinn miċ-ċirkostanzi u l-fattispeċi partikolari tal-każ li l-Qorti sejra tistħarriġhom aktar tard, il-ħlasijiet li l-attriċi tefgħet fil-kont bankarju komuni kienu maħsuba fil-qafas tar-relazzjoni bejnha u l-imħarrek, liema relazzjoni kienet miexja wkoll lejn ir-rabta taż-żwieġ, li tabilħaqq seħħet f'ħajjet il-partijiet aktar 'il quddiem (għalkemm falliet wara ftit taż-żmien): dik ir-relazzjoni nisslet obbligazzjonijiet reċiproċi li ntwerew meta l-partijiet fetħu l-imsemmi kont bankarju[34]. Fir-raba' lok, ma huwiex biżżejjed li jintwera li sar xi ħlas indebitu, imma jrid jintwera wkoll li dak il-ħlas kien fir-rigward ta' dejn li ma jeżistix: fil-każ tal-kont bankarju konġunt, intwera li dan kien jintuża għal infieq ieħor tal-partijiet u l-attriċi nnifisha ġieli nqdiet bil-fondi tal-istess kont biex bihom xtrat affarijiet għaliha stess. Fl-aħħarnett, l-attriċi ma wrietx li ma kellhiex f'xi żmien utli rimedji oħrajn biex tħares kif imiss il-pretensjonijiet li hija qiegħda tressaq fl-azzjoni tagħha tal-lum[35];

Illi għalhekk, l-azzjoni attriċi hija waħda ta' radd lura ta' ħlas fil-qafas tar-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet fil-ħajja personali tagħhom. Hawnhekk jidħlu fis-seħħ l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrek. Bihom huwa jgħid li l-azzjoni mressqa mill-attriċi ma tistax tirnexxi ladarba r-rabtiet ta' bejniethom kienu mħarsa bis-sistema ta' komunjoni tal-akkwisti. B'rabta ma' dan, allura, jżid jgħid (fit-tieni eċċezzjoni tiegħu) li jekk kemm-il darba kien hemm tabilħaqq xi kreditu favur l-attriċi, dan ried jiġi komputat fil-qafas tal-eżerċizzju tal-likwidazzjoni sħiħa tal-komunjoni tal-akkwisti, u wara li jitqies kollox ma' kollox, u mhux biss il-pretensjoni tal-attriċi waħedha maqtugħa minn kull konsiderazzjoni oħra;

Illi l-Qorti ma taħsibx li tista' u jmissha tilqa' l-ewwel eċċezzjoni, u dan għar-raġuni ewlenija li l-ħlasijiet li jiffurmaw il-mertu tal-azzjoni attriċi ma humiex marbutin maċ-ċirkostanza taż-żwieġ ċelebrat, imma mar-relazzjoni usa' li l-partijiet kellhom sa minn qabel ma kienu żżewġu. Mill-provi ħarġu li l-kont bankarju komuni ma nfetaħx wara ż-żwieġ, imma minn snin qabel, meta l-partijiet kienu għadhom mexjin lejn iż-żwieġ[36]. Kemm hu hekk, l-attriċi kienet bdiet tqiegħed flejjes minn tagħha fl-imsemmi kont tista' tgħid hekk kif infetaħ u f'dak il-waqt (jekk kienet saret kreditriċi tal-imħarrek) ma kien għad hemm l-ebda "dejn tal-komunjoni"[37]. Il-fatt li, wara ż-żwieġ, il-partijiet ħaddmu s-sistema patrimonjali tal-komunjoni tal-akkwisti, ma bidlitx il-fatt li l-ħlasijiet li setgħet għamlet l-attriċi u l-benefiċċji li sata' ħa minnhom l-imħarrek kienu għal kollox

---

[33] Cass. **26.10.1968** (Nru. 3592)
[34] Cass. **18.7.1950** (Nru. 1958) u b'mod partikolari ara Cass. **3.2.1975** (Nru. 389)
[35] Ara wkoll P.A. AE **9.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġorġina Buħaġiar vs Jane Falzon et*** (mhix appellata) għal tifsira ċara ta' x'inhuma l-elementi tal-azzjoni taħt l-art. 1028A u x'jiġri jekk ma jirriżultawx l-elementi mitluba
[36] Dok "AM2", f'paġġ. 49 sa 69 tal-proċess
[37] Dok "AM1", f'paġġ. 13 sa 48 tal-proċess

‘parafernali’, u dan aktar u aktar meta (jew jekk) intużaw għall-ħlas ta’ ġid tal-imħarrek li kien u baqa’ esklussivament parafernali għalih[38];

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-ewwel eċċezzjoni hija tajba u mhix sejra tilqagħha safejn tgħid li l-azzjoni attriċi ma hijiex proponibbli sakemm mibnija fuq dik ir-raġuni msemmija mill-imħarrek;

Illi l-kwestjoni mnissla mit-tieni eċċezzjoni tagħti ħajja għal aktar ħsieb. Ma jridx jintesa li r-raġuni **waħdanija** li l-attriċi ssemmi fl-azzjoni tagħha biex titlob lura dak li ħallset kienet li dawk il-flejjes ħarġithom biex titħallas id-dar li l-imħarrek kiseb qabel iż-żwieġ fuq ismu u li kellha tkun id-dar taż-żwieġ tagħhom.  Dik l-għażla tal-attriċi tikkundizzjona u tiddetermina s-siwi tal-azzjoni tagħha u tistabilixxi wkoll il-parametri legali li fuqhom tissejjes;

Illi l-imħarrek isostni t-tieni eċċezzjoni tiegħu billi jisħaq[39] li l-pretensjonijiet tal-attriċi f’din il-kawża ma huma xejn aktar minn talba ta’ likwidazzjoni f’biċċa ta’ kreditu vantat minnha li jittanta jaqbeż il-proċess ta’ likwidazzjoni sħiħa ta’ dak kollu li huma jippretendu fir-rigward ta’ xulxin.  Huwa jiċħad li s-sejbien tan-nullita’ taż-żwieġ ixxolji awtomatikament il-komunjoni tal-akkwisti, u għalhekk jirriżultax jew le xi kreditu favur l-attriċi ma jnaqqas xejn mill-fatt li trid issir il-likwidazzjoni sħiħa tal-pretensjonijiet u l-ġid ta’ dik il-komunjoni;

Illi, min-naħa tagħha, l-attriċi twarrab din l-eċċezzjoni billi tisħaq li ladarba ż-żwieġ tagħha mal-imħarrek kien annullat, dan ġab miegħu ukoll il-ħall awtomatiku tal-komunjoni tal-akkwisti li seta’ kien hemm bejniethom matul iż-żwieġ, u li għalhekk ma kien għad hemm xejn x’tillikwida minnha.  Iżżid tgħid li, ibda biex, il-partijiet kienu ilhom li qasmu kulma kellhom bejniethom, kemm ġid mobbli u kif ukoll l-immobbli waħdani (d-dar li nxtrat mill-imħarrek) li kien biegħha qabel ma nfetħet il-kawża, u għalhekk ma kien għad fadal xejn aktar x’jinqasam bejniethom. Għalhekk, hija ttemm tgħid[40] li ladarba tinħall il-komunjoni tal-akkwisti jekk jibqa’ xi ġid komuni dan ikun imħares mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li tirrigwarda l-komproprjeta’;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni hija tajba u li r-raġunament magħmul mill-imħarrek jaqbel mal-liġi.  Min-naħa l-oħra, xi sottomissjonijiet magħmula mill-attriċi ma jistgħux jintlaqgħu bħala tifsira tajba u la tal-liġi u lanqas tal-mod tajjeb kif titfisser;

---

[38] Art. 1329(1) tal-Kap 16
[39] Nota ta’ Sottomissjonijiet tiegħu f’paġ. 248 tal-proċess
[40] Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħha f’paġ. 241 tal-proċess

Illi minkejja li ngħad dan, xorta waħda ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex tistħarreġ is-siwi tal-każ tal-attriċi. Dan qiegħed jingħad għal żewġ raġunijiet ewlenin; l-ewwel waħda hi minħabba l-fatt li ma ntweriex li bejn l-attriċi u l-imħarrek kien għad fadal tabilħaqq xi ġid ieħor tal-komunjoni li ma kienx għadu ġie likwidat u maqsum bi qbil bejniethom; fit-tieni lok, għaliex minkejja li l-imħarrek, waqt l-għoti tax-xhieda tiegħu, qal li huwa kellu pretensjonijiet kontra l-attriċi, dan baqa' ma iddeduċihom qatt bi proċeduri ġudizzjarji. Hemm jew m'hemmx pretensjonijiet tal-imħarrek, din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tqishom (bla ma tkun qiegħda tiddeċidi *extra petita*) għaliex ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali mill-imħarrek f'dan ir-rigward jew li b'xi mod bihom tista' ssir xi tpaċija mal-pretensjonijiet tal-attriċi (u allura tkun qiegħda tiddeċidi *ultra petita*). F'dan ir-rigward, l-argument tal-attriċi għandu jipprevali;

Illi, lil hinn minn dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, jifdal l-istħarriġ li l-Qorti trid tagħmel dwar dak li tippretendi l-attriċi u dwar jekk dik il-pretensjoni hijiex tabilħaqq pruvata kif titlob il-liġi;

Illi jerġa' jingħad li l-attriċi titlob il-likwidazzjoni ta' ħlasijiet li hija tgħid li saru biex inkisbet id-dar. Dan ifisser li l-Qorti ma tistax tqis l-ebda raġuni oħra, u wkoll li l-attriċi trid turi li dawk il-ħlasijiet saru sewwasew għar-raġuni li tgħid hi;

Illi t-teżi tal-imħarrek donnha hi li, l-flus li l-attriċi tefgħet fil-kont komuni kienu flejjes maħsuba għall-għixien tagħhom ta' kuljum, u mhux minħabba r-rabta tal-ħlas tas-self mogħti mill-Bank għax-xiri tal-post[41]. Il-post huwa ġid parafernali, ammess bħala tali mill-attriċi wkoll, u għalhekk ma kien hemm qatt rabta jew sehem f'dawk il-ħlasijiet. Jargumenta wkoll li l-attriċi nnifisha wżat mill-flejjes mitfugħin fil-kont bankarju komuni għall-ħtiġijiet tagħha, ukoll sa minn qabel iż-żwieġ. Hemm imbagħad l-insistenza tiegħu li huma kienu ilhom jgħixu flimkien sa minn qabel iż-żwieġ u li kien dan il-għan veru tal-ftuħ tal-kont bankarju konġunt, u mhux speċifikatament il-ħlas tas-self marbut max-xiri tal-post. Biex ixejjen wieħed mill-argumenti ewlenin tal-attriċi jgħid li s-somma li huwa kien stqarr li l-attriċi għandha tieħu kienet tirrappreżenta sehemha mil-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-proċess tal-firda personali ta' bejniethom[42], u mhux bħala stqarrija ta' xi jedd tagħha għall-kumpens minħabba li ħarġet flus għall-kisba tad-dar;

[41] Xhieda tiegħu f'paġ. 211
[42] Xhieda tagħha k/eż 12.3.2007, f'paġ. 194

Illi, min-naħa l-oħra, l-ittra elettronika tal-imħarrek bl-istqarrija li huwa jaf li għandu jħallas Lm 9000 u l-i*standing order* regolari u b'ammonti fissi kull xahar jistgħu jagħtu 'l wieħed x'jifhem li kien hemm rabta max-xiri tal-post. Ix-xhieda mogħtija mill-avukat Valletta[43] tista' tixħet dawl fuq l-għan veru tal-ammissjoni tal-imħarrek dwar il-flus li stqarr li kellu jrodd lura lill-attriċi. Barra minn hekk, ħareġ ċar mix-xhieda[44] li l-ħlasijiet ratejali lill-Bank biex jinqata' s-self kien isir mill-kont konġunt li l-partijiet kellhom flimkien;

Illi meta wieħed iqabbel dawn ir-rispettivi qagħdiet tal-partijiet, ma għandux għax idum ma jintebah bin-nuqqas ta' qbil bejn il-waħda u l-ieħor. F'dan ir-rigward, il-Qorti ssib quddiemha żewġ verżjonijiet tista' tgħid irrikonċiljabbli;

Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju[45]. Iżda huwa ammess li "*f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika*"[46];

Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[47]. Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[48];

Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[49] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[50]. Iżda dak li jgħodd f'kawża

---

[43] Xhieda tiegħu 12.3.2007, f'paġ. 202 talpproċess
[44] Xhieda ta' Catherine Fenech 21.2.2007, f'paġ. 176
[45] Ara P.A. DS **13.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nancy Caruana vs Odette Camilleri*** (mhix pubblikata, imma f'dan ir-rigward, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**27.2.2004**)
[46] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-**19.6.2006**)
[47] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[48] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[49] Art. 562 tal-Kap 12

mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "*il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha*"[51];

Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;

Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli[52]. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni[53]. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li *actore non probante reus absolvitur*[54]. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju[55]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[56];

Illi meta qieset dawn il-konsiderazzjonijiet għaqlija u stabiliti u qegħdithom fid-dawl tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, il-Qorti tasal

---

[50] Art. 559 tal-Kap 12
[51] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et***
[52] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[53] Ara, per eżempju, P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[54] Ara, per eżempju, P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.***
[55] App. Ċiv. **19.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe***
[56] App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***

għall-fehma li l-attriċi naqset li turi b'mod tajjeb li l-flejjes li hija għaddiet mill-kont bankarju tagħha għal ġol-kont bankarju komuni kien tabilħaqq maħsub biex iħallsu d-dejn li kien daħal għalih l-imħarrek biex inkisbet id-dar li fiha kienu għamlu xi żmien joqogħdu flimkien;

Illi fl-ewwel lok, il-flus mill-kont tal-attriċi kienu jitqiegħdu ġo kont bankarju komuni li hija kellha wkoll is-setgħa li tikkontrolla u tieħu minnu. Fit-tieni lok, id-Dokument "AM4"[57] ma jistax ikun prova konklussiva li l-ħlasijiet li nħarġu mill-kont tal-attriċi kienu jmorru kollha u bla mittiefsa biex iħallsu lill-bank li kien silef il-flus lill-imħarrek: kulma juri dak id-dokument (u huwa sintesi fidila u korretta ta' dak li kien isir bejn il-kont bankarju tal-attriċi u l-kont bankarju komuni tal-partijiet) huwa l-korrelazzjoni bejn it-trasferimenti. Ħadd ma jmieri li tabilħaqq sar hekk, imma dan ma jurix li dawk il-flejjes intużaw biex jitħallas is-self. Fit-tielet lok, meta wieħed iqabbel l-ammonti li l-attriċi tefgħet fil-kont bankarju komuni mal-ħlasijiet tas-self lill-bank (Lohombus) wieħed ma jsibx qbil mal-ammonti trasferiti. L-i*standing order* mal-Lohombus kien ta' mija u sitta u ħamsin lira Maltija (Lm 156) kull xahar u hekk jidher li dejjem baqa'. Min-naħa tagħha, l-attriċi kienet titfa' mija u ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm 125) kull xahar. Hija qatt ma fissret għaliex kienet tqiegħed dak l-ammont u wisq anqas x'rabta kellu mas-sehem li suppost refgħet mill-istess ħlasijiet. Lanqas ma fissret kif u għaliex, minkejja li r-rata tal-ħlasijiet ma' Lohombus baqgħet ma nbidlitx, b'seħħ minn Mejju tal-2000[58] l-attriċi bdiet tqiegħed fil-kont bankarju komuni s-somma ta' mitejn u ħames Liri Maltin (Lm 205) kull xahar bi *standing order* u dan minflok is-somma li kienet tqiegħed qabel. Fir-raba' lok, l-"istqarrija" jew ammissjoni tal-imħarrek dwar is-somma ta' disat elef Lira maltin (Lm 9,000) li toħroġ mill-ittra elettronika li bagħtilha fl-4 ta' Jannar, 2002[59], ma turix konklussivament li dik kienet marbuta mal-ħlas lura ta' xi versamenti jew ħlasijiet magħmulin mill-attriċi kontra s-self tal-bank għax-xiri tad-dar. Jidher li dak id-dokument jirreferi għal "all your points" u kien jaqa' fuq l-attriċi li turi li dak l-*e-mail* li bagħtilha l-imħarrek (u li jidher li kien qiegħed iwieġeb sensiela ta' proposti li sarulu mill-attriċi) kien jirreferi għall-pretensjoni speċifika tar-rifużjoni marbuta mal-ħlas tas-self bankarju għax-xiri tad-dar. Fl-aħħarnett, mid-dokument tal-movimenti tal-kont bankarju komuni joħroġ ċar li l-fondi ta' ġo fih kienu jieħdu ħsieb il-ħlas ta' aktar minn dejn wieħed u minnu wkoll kien isir ġbid ta' flejjes għal għanijiet oħrajn ovvji li ma kinux marbuta mal-ħlas tas-self tax-xiri tad-dar;

[57] F'paġġ. 71 – 2 tal-proċess
[58] Dok "JBC", f'paġġ. 123 sa 130 tal-proċess (li fid-dokument "AM2" l-attriċi nnifisha tindikahom bħala l-ħlasijiet li saru minnha għal ġol-kont bankarju komuni, ara paġġ. 68 – 9 tal-proċess)
[59] Dok "AM3", f'paġ. 70 tal-proċess

Illi, għall-Qorti, dawn iċ-ċirkostanzi kollha jimmilitaw sewwa kontra t-teżi tal-attriċi u jagħtu raġuni għat-teżi tal-imħarrek li din il-Qorti tista' toqgħod fuqha;

Illi għalhekk, il-Qorti ma ssibx li l-attriċi wrietha tajjeb biżżejjed li għandha tilqa' l-ewwel talba tagħha, kif magħmula;

Illi ladarba t-talbiet l-oħrajn isegwu w jiddependu mill-ewwel waħda, lanqas dawn ma jistgħu jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Għalhekk **tiċħad ukoll it-talbiet attriċi l-oħrajn** minħabba li dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek; u

**Tordna** lill-attriċi li tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------